MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 1/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Emanuela Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 t'Ottubru, 2009, ghall-habta ta' 12.30 hrs fi Triq Ganu, B'Kara, w jew f'dawn il-Gzejjer Maltin :

1. volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'mod iehor;
2. ghamlet lil Alfredo Xiberras ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kienet ipprovokata ngurjat b'mod li harget barra mill-limitu tal-provokazzjoni;
3. hebbed ghall-imsemmija persuna w ikkagunatilha griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. Noel Caruana M.D tal-Mosta Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Jannar, 2010, li biha, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha w ikkundannataha xahar prigunerija sospizi ghal sena w bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 ipponiet garanzija ta’ mija w ghoxrin Euro (€120) ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur skond digriet immarkat Dok. ES1.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-12 ta’ Jannar, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w ghaldaqstant tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija w piena, alternattivament u biss f’kaz li din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellanti dwar is-sejbien ta’ htija w ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellanti talbet lil din il-Qorti joghgobha tvarja l-piena nflitta ghal wahda ideonea fid-dawl tac-cirkostanzi w in-natura tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzzjoni ta’ htija fil-konfront tal-appellanti, w dan ghar-ragunijiet segwenti :-

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi s-sentenza appellata hija nulla peress illi ma gewx citati l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom l-appellanti nstabet hatja – certament li l-frazi uzata fis-sentenza mill-Ewwel Qorti u cioe’ “Rat l-Artikoli” biss ma tissodisfax il-vot rikjest fl-artikolu 382 tal-Kap. 9. Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w issemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi subordinatament ghall-premess, ma hemmx dubju illi l-appellanti kienet il-vittma ta’ dan l-incident vjolenti minn missier zewgha, w issubiet feriti li ghalkemm gew klassifikati bhala hfief, dan gara ghax fortunatament la kellha ksur u lanqas sfregji, izda pero’ d-daqqiet li qalghet ma kienux zghar, kif jirrizulta ahjar mic-certifikat mediku esebit. Illi dawn it-tipi ta’ attakki vjolenti huma kundannabbli, l-aktar meta jsehhu bejn membri tal-istess familja w ghal xejn b’xejn.

Illi l-Ewwel Qorti erroneament waslet ghall-konkluzjoni li ghax Alredo Xiberras sofra xi griehi waqt dan l-incident, allura l-appellanti kellha wkoll tinstab hatja li kkagunatlu griehi. Illi sfortunatament l-Ewwel Qorti jidher li skartat ghal kollox il-fatt li kienet l-appellanti li giet aggredita w issubiet dan l-attakk vjolenti minn missier zewgha, w anke li l-appellanti fil-fatt meta sehh l-incident kienet ghall-affari taghha w kien l-agir inkonsult ta’ zewgha li ta lok ghal dan il-kaz.

Illi ghalhekk dan certament hu kaz fejn jinkwadraw l-elementi kollha tal-legittima difeza, billi l-vjolenza li Alfredo Xiberras uza fuq l-appellanti kienet tikkonsisti f’attakk ingust, gravi u li ma setax jigi evitat mill-appellanti, u jekk Alfredo Xiberras sofra xi griehi, dawn jidher car li gew kagunati waqt li l-appellanti bdiet tilqa’ d-daqqiet li hu beda jaghtiha, billi l-appellanti fl-ebda hin ma hebbiet ghal Alfredo Xiberras jew refghet idejha fuqu.

Illi hu indikattiv ukoll il-fatt li kienet biss l-appellanti li marret taghmel rapport immedjat mal-Pulizija Ezekuttiva dwar dan l-incident. Kienet il-Pulizija li accediet fir-residenza ta’ Alfredo Xiberras u kellmitu dwar dan l-incident, wara li rceviet ir-rapport tal-appellanti, u dan il-fatt juri min kellu x’jahbi mill-Pulizija w min beza mill-agir reuz li kien ghadu kif ikkommetta.

Illi fl-ahharnett, dwar l-akkuza ta’ ksur ta’ buon ordni u kwiet tal-pubbliku, l-appellanti fl-ebda hin ma bdiet tghajjat jew tiggieled waqt li sehh dan l-incident, hlief ghat-twerziq ta’ ugiegh li bdiet tghajjat minhabba d-daqqiet li bdiet taqla’. Illi certament li min jibda jaqla’ daqqiet tant

b'sahhithom se jwerzaq, izda certament ma jkunx qed jaqa' fil-kontravvenzjoni li biha giet akkuzata l-appellanti, u lanqas hu mistenni li xi hadd li jibda jaqla' tant daqqiet se jibqa' fommu sieket. Barra minn hekk, biex tinstab htija dwar din il-kontravvenzjoni, trid issir il-prova illi bl-ghajjat u l-glied li jkun gej minn naha tal-perpetratur ta' dan ir-reat, tkun inholqot biza' f'terza persuna dwar l-inkolumita' fizika taghha, w certament li f'dan il-kaz Alfredo Xiberras ma tantx jista' jghid li sofra xi biza' bit-twerzieq tal-appellanti waqt li hu beda jsawwatha.

Illi subordinatament ukoll u strettament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, f'kaz illi din il-Qorti tichad l-aggravji tal-appellanti dwar is-sejbien ta' htija, huwa manifest bl-akbar rispett illi ma nzamm ebda bilanc u relattivita' tal-piena tenut kont ic-cirkostanzi w in-natura tal-kaz – ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm entro l-parametri, kienet wahda eccessiva w sproporzjonata billi kien hemm diversi pieni w sanzjonijiet ohra li messhom gew applikati minflok il-piena ta' prigunerija sospiza attwalment inflitta, gjaladarba l-Ewwel Qorti waslet ghal sejbien ta' htija.

Illi jidher li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda piz lill-fatt li l-fedina penali tal-appellanti hi wahda nadifa w ghalhekk ghandha tigi meqjusa semmai bhala a first time offender li hi certament ma hix xi kriminal izda persuna li ghaddejja mit-tbatija ta' separazzjoni personali fejn inqala incident fl-isfond ta' dan id-dizgwid, li l-appellanti giet ingustament spussessata minn hwejjigha qabel inqala' l-incident, u li din il-piena ser thammeg ic-certifikat ta' kondotta tal-appellanti b'timbru ikrah darba ghal dejjem. Izda sfortunatament jidher li dan kollu sfugga lill-Ewwel Qorti li spiccat teroga piena li solitament tinghata f'cirkostanzi ferm aktar serji.

Ikkunsidrat :

Qabel mal-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu trid taghmel xi osservazzjonijiet dwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Jannar, 2010, peress illi din il-Qorti thoss illi

fiha mankament procedurali li jwassal ghan-nullita’ tal-istess.

L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid ***“il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w isemmi l-artikoli ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”***

Din il-Qorti qed taghmel din ir-referenza w tenfasizza l-fatt li l-ligi tispecifika illi ghandhom jigu msemmija l-artikoli tal-Kodici jew ta’ kull ligi ohra illi l-imputat ikun instab hati. F’dan il-kaz din il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti ma osservatx dan id-dispost u semmiet biss “rat artikoli.” minghajr ma tindika liema huma dawn l-artikoli.

Il-ligi hija cara w tghid illi ghandha ssir referenza w jigu msemmija l-artikoli. Mhuwiex bizzejjed illi l-Qorti tghid “rat l-artikoli” u tieqaf hemm, imma ghandha ssemmi l-artikoli illi taghhom l-imputat ikun instab hati w dana kollu taht piena ta’ nullita’.

Kif qalet il-kawza “Il-Pulizija vs Anthony Zahra” deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Mejju, 1994 ***“in-nuqqas ta’ indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali sollevabbli mill-Qorti ex officio, anki jekk l-appellant ma jilmentax minn nullita’ tas-sentenza”.***

Ghalhekk din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta’ Jannar, 2010 u tghaddi biex tisma l-kawza mill-gdid.

Ikkunsidrat :

Bil-verbal tal-21 ta’ Mejju, 2010, l-Avukati tal-partijiet spjegaw illi l-istess partijiet qeghdin f’process ta’ separazzjoni w sabiex ma jigux aggravati incidenti li seta’ kien hemm bejniethom qeghdin f’dak l-istadju jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-kamp kriminali bejniethom u jaghzlu li ma jixhdux kontra xulxin.

Verament ftit hemm dak li huwa rinunzjabbli pero’ l-fatt li ma xehdux kontra xulxin jaggrava serjament fuq l-akkuza peress li ma jistax jinghad illi dina giet pruvata, peress li mhux biss il-partijiet ma xehdux fil-konfront ta’ xulxin izda l-ebda xhud iehor ma tressaq mill-prosekuzzjoni.

Ovvjament taht dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax issib htija.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ w tiddeciedi li tiddikjara lill-imputata mhux hatja w tilliberaha minn kull imputazzjoni w htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------